MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 62/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Luke Azzopardi**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Luke Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita numru 2888(M), talli:

(1) fil-25 ta' Novembru 2010, ghall-habta ta' 8.35 a.m, waqt li kien fl-inħawi ta' San Martin, limiti tal-Wardija, kien qiegħed jonsob għall-Pluvieri mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa f'ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tar-Regolament 11(3) ta' l-Avviz Legali 79/2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71.

(2) sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dr. A. J. Vella LL.D.) datata 25 ta' April 2007, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Jannar 2012 li permezz tagħha dik il-Qorti wara li rat ir-regolament 11(3) tal-A.L. 79/2006 hekk kif emendat L.S. 504.71 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament 27(2)(b) L.S. 504.71, sabet lill-imsemmi Luke Azzopardi ħati u kkundannatu multa ta' ħames mitt euro (€500);

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Luke Azzopardi pprezentat fis-6 ta' Frar 2012 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn l-appellant instab hati u tirrevokaha wkoll fejn ikkundannatu jħallas multa ta' ħames mitt euro (€500) u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena u okkorrendo jkun il-każ, subordinament tipprovdi għal piena aktar miti u idoneja;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet il-provi; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant huwa li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment issib ħtija fil-konfront tiegħu. Jgħid illi għalkemm huwa kien qiegħed isaffar għall-pluvieri huwa ma kienx qiegħed jonsob iżda kien qiegħed jagħmel dan għall-finijiet ta' kaċċa. Jgħid ukoll illi jidher ċar mix-xhieda prodotti illi l-pluvieri ħajjin li sabu P.S. 1330 Alexander Schembri u P.C. 433 R. Mallia kienu ta' ċertu Roderick Ellul li ħallihom ma' l-appellant stante li kellu appuntament urġenti u kellu jitlaq minn fuq il-post. Għalhekk l-appellant jemmen li l-ewwel Qorti qatt ma setgħet issib ħtija fih għall-imputazzjonijiet addebitati lilu.

**6.** Dan il-każ jirreferi għall-ġurnata tal-25 ta' Novembru 2010 għall-ħabta tat-8.35 a.m. Fl-affidavit tiegħu P.S. 1330 Alexander Schembri jgħid illi hu flimkien ma' l-ispettur Alexander Miruzzi u P.C. 433 kienu xogħol ma' membri tal-MEPA fil-Wardija u semgħu *bird-caller* fl-

inħawi li kien attivat. Hu u P.C. 433 marru sabiex jaraw fejn kien qiegħed jintuża dan il-*bird-caller* u fl-inħawi ta' San Martin lemħu persuna fuq mansab tal-pluvieri minn fejn l-għajjat tal-*bird-caller* kien jinstema' ġej. P.S. Schembri jgħid illi "l-persuna li rajna kienet ħdejn id-dura u sakemm aħna bdejna navviċinaw rajna persuna oħra li kienet fil-kamra li hemm biswit l-istess mansab. Meta l-persuna li kienet fid-dura ndunat bil-preżenza tagħna tfiet il-*bird-caller* u beda jsaffar għall-pluvieri b'suffara manwali." Jgħid illi għamlu tfittxija għall-*bird-caller* iżda ma sabuhiex. Skond P.S. Schembri, il-persuna li kien qiegħed jonsob u jsaffar kien Luke Azzopardi (l-appellant) li ma kellux liċenzja sabiex jonsob.

**7.** P.C. 433 Rudolph Mallia fl-affidavit tiegħu jgħid li fil-ġurnata in kwistjoni semgħu l-għajjat tal-pluvieri u hu u P.S. 1330 imxew lejn mansab fejn setgħu jaraw ġuvni li kien qiegħed isaffar b'suffara tal-pluvieri bilqiegħda fuq il-mansab. Dan kien Luke Azzopardi li qal li l-mansab kien ta' ħabib tiegħu li kien telaq jixtri u baqa' hu mal-mansab.

**8.** Minn din ix-xiehda wieħed jinnota mill-ewwel ċerti diskrepanzi. P.S. Schembri jgħid li kien hemm żewġ persuni u li l-appellant kien fil-kamra li hemm biswit il-mansab. P.C. Mallia jsemmi persuna waħda biss, l-appellant, u li dan kien fuq il-mansab. P.S. Schembri jgħid li semgħu *bird-caller* u li meta kienu qed javviċinaw, l-appellant tefa l-*bird-caller* u beda jsaffar bis-suffara manwali. P.C. Mallia ma jgħid xejn minn dan u jgħid biss li raw lill-appellant isaffar bis-suffara. P.S. Schembri jgħid illi għamlu tfittxija għall-*bird-caller* filwaqt illi P.C. Mallia ma jirreferi għall-ebda tfittxija. P.S. Schembri ma jirreferi għal ebda spjegazzjoni li seta' ta l-appellant filwaqt illi P.C. Mallia jirreferi għal tali spjegazzjoni.

**9.** L-appellant xehed quddiem din il-Qorti u qal li hu kien qiegħed għall-kaċċa meta ċempillu ċertu Roderick Ellul jitolbu joqgħodlu mal-mansab sakemm imur jirreġistra. L-appellant jgħid illi hu mar u qagħad barra mid-dura u fl-ebda ħin ma daħal fid-dura. Xi kwarta jew għoxrin minuta wara li kien telaq Roderick Ellul, tfaċċaw il-Pulizija. Huwa

kellu s-suffara u s-senter. Il-Pulizija fittxew għal *bird-caller* u ma sabu xejn.

**10.** Xehed ukoll Roderick Ellul li kkonferma li dakinhar huwa ried imur jirreġistra u billi kien waħdu ċempel lil xi ħbieb u qabad lill-appellant u talbu jagħmillu pjaċir joqogħdlu mal-mansab sakemm jirritorna. L-appellant wasal fuq il-post u kellu s-senter f'idejh. Skond dan ix-xhud, l-appellant għandu d-delizzju tal-kaċċa u mhux ta' l-insib. *Bird-caller* ma kellux iżda kellu ħafna pluvieri ġol-gabjetti u *decoys*.

**11.** Din il-Qorti tqis verosimili li persuna li jkollha d-delizzju tal-kaċċa ma jkollhiex ukoll id-delizzju ta' l-insib. Barra minn hekk sabiex tonsob trid tkun ġod-dura sabiex tkun tista', fit-terminoloġija użata minn Roderick Ellul, "teqleb għall-għasfur". Mill-provi hemm dubju raġonevoli jekk l-appellant kienx f'xi ħin ġod-dura, konsiderando li wieħed mix-xhieda tal-prosekuzzjoni stess jgħid li lill-appellant sabuh fuq il-mansab (mhux, mela, ġod-dura). Huwa minnu li ħadd mill-Pulizija ma qal li l-appellant kellu s-senter miegħu. Mill-banda l-oħra x-xiehda ta' l-appellant u ta' Roderick Ellul ma ġietx kontradetta minnhom. Mhijiex lanqas inverosimili r-raġuni li ta l-appellant (korroborata minn Roderick Ellul stess) għall-preżenza tiegħu fuq il-mansab. F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellant mingħajr dubju raġonevoli.

**12.** Kwantu għall-addebitu ta' reċidiva, stante li l-appellant se jiġi dikjarat mhux ħati ta' l-ewwel imputazzjoni, irid jiġi lliberat anke minn dan l-addebitu. Għal kull bwon fini jingħad, pero`, illi fi kwalunkwe każ mill-atti ma jirriżultax li saret prova tar-reċidiva. Il-fedina penali ma tistax titqies prova nkonfutabbli. Kien ikun biżżejjed li kieku ġiet esebita kopja legali ta' sentenza li minnha jkunu jirriżultaw l-istess partikolaritajiet ta' l-appellant. Iżda lanqas daqshekk ma sar.

**13.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant

mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u minnhom tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------